MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 63/2013

**Joseph MINTOFF u Letizia VASSALLO**

**Vs**

**MCCF Projects Company Limited debitament rapprezentata minn Charlotte CIANTAR**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-14 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta'elfejn mija u erbgha u ghoxrin euro [€2,124] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi fid-data ta' (06/10/2010) sitta ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra, Charlotte Ciantar an nom u in rapprezentanza ta' MCCF Projects Limited, obbligat ruhha thallas lill-atturi permezz tax-xoghlijiet kosistenti ta' "1 outside door made of erocho and 1 window at maisonette no. 2 in Hali Street, Zebbug.

Illi nonostante interpellati permezz ta' ittra legali fi hdax ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (11/06/2012) u ittra ufficjali fid-data ta' tmintax ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (18/09/2012), dawn baqghu inadempjenti.

Illi l-atturi kienu kostretti u esposti sabiex jinkorru spejjes sabiex jitwahhlu l-imsemmija aperturi. Illi ghalhekk kelha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes inkluzi l-ittra legali fid-data ta' 11/06/2012 u l-ittra legali fid-data ta' 18/09/2012".

Ra li s-socjeta intimata minkejja li ġiet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni baqghet ma resqet l-ebda risposta u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum.

Ra l-verbal datat 16 ta' Ottubru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghal-provi kollha tal-partijiet;

Ra l-verbal tal-lum stess fejn xehed ir-rikorrenti Joseph Mintoff u Dr. Rachel Tua, difensur tar-rikorrenti ddikjarat li ma kienx ghad fadlilha aktar provi.

Ra li s-socjeta intimata minkejja li ġiet imsejjha diversi drabi baqghet ma dehritx.

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu li s-socjeta intimata thallashom is-somma ta' €2,124 u dan bhala spejjez li huma inkorrew meta ghamlu l-aperturi li s-socjeta intimata kienet obbligat ruhha li taghmilhom a spejjez taghha.

Ikkunsidra;

2. Mid-dokumentazzjoni ppreżentata jirrizulta dan li gej:

i. Ir-rikorrenti kienu xtraw u akkwistaw permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Novembru, 2010 fl-atti tan-Nutar John Gambin (fol. 26) "*il-maisonette livell mat-triq, bil-front garden u bitha fuq wara, minghajr numru u bla isem, mhux uffiċjalment maghruf bhala Maisonette numru tnejn (2), fil-kumpless ta' bini minghajr numru li jġib l-isem "Bonheur Court", fi Triq Hali, Haz-Zebbug, Malta, sovrappost ghal garages formanti parti minn l-istess Blokk jew Kumpless ta' bini u sottopost ghal beni ohra, proprjetà ta' MCCF Projects Company Limited u ta' Paul Farrugia jew tas-successuri in titolu taghhom...*" (fol. 31).

ii. Skond il-klawsola numru sitta (6) ta' l-imsemmi kuntratt "*l-aperturi fuq il-facciata tal-maisonette in vendita ghandhom ikunu tal-injam u ghandhom jiġu supplied u installed minn MCCF Projects Company Limited (awtura fit-titolu tal-vendituri); ghal dan il-ghan il-vendituri ghandhom jghaddu lill-kompraturi il-credit note relattiva*" (fol. 33).

iii. VAT receipt fl-ammont ta' €2124 datata 5 ta' Jannar, 2013 (fol. 38).

iv. *Credit note* rilaxxata mis-socjeta intimata favur ir-rikorrenti datata 6 ta' Ottubru, 2010 bin-numru 23/2010 u li permezz taghha "*MCCF Projects Company Ltd is authorizing Mr Joseph Mintoff holder of Id No:230185(M) to be supplied with 1 outside door made of erocho and 1 window at maisonette no. 2 in Hali Street, Zebbug, from George Cassar (mastrudaxxa) of Qormi*" (fol. 40).

3. Ir-rikorrenti Joseph Mintoff xehed li huwa u martu kienu xtraw minghand is-socjeta intimata l-maisonette fil-kumpless ta' bini maghruf bhala Bonheur Court, fi Triq il-Hali, Haz-Zebbug. Kompla jghid li skont dan il-kuntratt

kien hemm miktub illi l-aperturi fuq il-faccata tal-maisonette in vendita kellhom ikunu tal-injam u li dawn kellhom jigu suppliti u nstallati mis-socjeta' intimata. Qal ukoll li skont il-klawsola numru sitta (6) ta' dan il-kuntratt huma kellhom jinghataw *credit note* mis-socjeta intimata, liema *credit note* effettivament inghatat. Ir-rikorrenti jkompli jghid li huma kienu marru b'din il-*credit note* ghand il-mastrudaxxa George Cassar sabiex jaghmlu l-affarijiet li kienet qaltilhom u weghdithom li ser taghmel is-socjeta' ntimata. Meta marru ghandu huwa qalilhom li ma kienx ser jonora' din il-*credit note* u ghalhekk kellhom ihallsuh kif fil-fatt ghamlu fil-5 ta' Jannar, 2013. Skond ma qal ir-rikorrenti, huma hallsuh is-somma ta' elfejn mija u erbgha u ghoxrin ewro (€2124) u esebixxa kopja tar-ricevuta fiskali f'dan ir-rigward.

Finalment qal li huwa kien talab lis-socjeta intimata sabiex thallsu dawn il-flejjes iżda din baqghet inadempjenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Effettivament, ir-rikorrenti ma xtrawx u akkwistaw il-maisonette taghhom minghand is-socjeta intimata kif ighid ir-rikorrenti. Il-kuntratt datat 29 ta' Novembru, 2010 ghalmenu ma jghidx hekk. Kull ma hemm fil-kuntratt imsemmi kien li l-vendituri (li kif diġà inghad ma hijiex is-socjeta intimata) kellhom jghaddu *credit note* lir-rikorrenti sabiex l-aperturi fuq il-faccata jkunu ta' l-injam u kellhom jiġu supplied u installed mis-socjeta intimata.

5. Sussegwentement is-socjeta intimata kienet ghaddiet lir-rikorrenti *credit note* bid-data 6 ta' Ottubru, 2010 (fol. 40) u fuq l-istess *credit note* kien hemm miktub li *MCCF Projects Company Ltd is authorizing Mr Joseph Mintoff holder of Id No:230185(M) to be supplied with 1 outside door made of erocho and 1 window at maisonette no. 2 in Hali Street, Zebbug, from George Cassar (mastrudaxxa) of Qormi*. Rajna li din il-*credit note* però ma ġietx onorata u l-mastrudaxxa George Cassar talab lir-rikorrenti sabiex ihallsuh kif effettivament ghamlu l-istess rikorrenti.

6. Ghalhekk jirrizulta, kemm mix-xhieda u kemm mid-dokumenti, li l-obbligu li kienet assumiet is-socjeta intimata fil-konfront tar-rikorrenti ma twettaqx u li minhabba dan, l-istess rikorrenti kellhom ihallsu s-somma ta' €2,214 lill-istess mastrudaxxa George Cassar ghal-bieb u tieqa imsemmija fl-istess *credit note*.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' elfejn mija erbgha u ghoxrin euro [€2,124] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mill-24 ta' Settembru, 2012 (data ta' l-ittra uffiċjali a fol. 39).

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------